**MT**

MT MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 16.12.2008
KUMM(2008) 867 finali

2008/0267 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

{SEG(2008) 3055}
{SEG(2008) 3056}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-mira ta' din il-proposta hija li tippermetti l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ('l-EGF ') jirreaġixxi b'mod aktar effettiv fl-appoġġ tal-ħaddiema li ngħataw is-sensji b'riżultat tal-globalizzazzjoni, biex jitwessa' l-ambitu tiegħu temporanjament billi jiġu koperti s-sensji kkawżati bl-impatt tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika u biex l-operat tal-Fond jitressaq aktar fil-konformità mal-għan tiegħu ta' solidarjetà. Sabiex jinkiseb dan l-għan ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006[1] dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jridu jiġu emendati.

- **Il-kuntest ġenerali**

Ir-rapport annwali dwar l-operat tal-EGF fl-2007 kien parti integrali mill-Komunikazzjoni 'Aġenda Soċjali Aġġornata: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-Seklu 21'[2] adottata mill-Kummissjoni fit-2 ta' Lulju 2008. Fil-Komunikazzjoni 'Solidarjetà fir-riħ tal-bidla: L-EGF fl-2007 — reviżjoni u prospetti'[3] il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li temenda r-Regolament tal-EGF qabel il-ħruġ tar-rapport annwali li jmiss, li għandu joħroġ f'nofs l-2009.

Fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku[4], ippubblikat fis-26 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel l-EGF strument aktar effettiv ta' intervent bikri bħala parti mir-reazzjoni tal-Ewropa għall-krizi. Il-Kummissjoni tenniet l-intenzjoni tagħha li tirrevedi r-regoli tal-EGF biex ikun jista' jintervjeni b'mod aktar rapidu f'setturi ta' qofol, *inter alia* biex jikkofinanzja s-sejba ta' postijiet ta' xogħol lil dawk li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-kriżi ekonomika.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-Fond Soċjali Ewropew[5] ('l-FSE') ġie stabbilit biex jikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Komunità f'dak li għandu x'jaqsam mal-koeżjoni ekonomika u soċjali permezz tat-titjib fl-opportunitajiet tal-impjieg u x-xogħol, filwaqt li jħeġġeġ livell ogħla ta' impjieg u xogħol aqwa fil-kwantità u l-kwalità. Huwa jagħti appoġġ lill-Istrateġija Ewropea tal-Impjieg kif ukoll il-politika tal-Istati Membri li l-għan tagħhom huwa li jinkiseb impjieg sħiħ u kwalità u produttività fix-xogħol, tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, inkluż l-aċċess għall-impjieg għan-nies żvantaġġati, u jitnaqqsu l-inugwaljanzi tal-impjieg nazzjonali, reġjonali u lokali. Id-differenza prinċipali bl-EGF hija li l-FSE jikkonsisti minn programmi multiannwali li jsostnu miri strateġiċi li jifirxu fit-tul — notevolment l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturar, b'attivitajiet bħalma huma t-tagħlim li jissokta matul il-ħajja. L-EGF huwa reazzjoni għal kriżi speċifika fuq skala Ewropea kkawżata mill-globalizzazzjoni. Huwa jagħti

[1] ĠU L 406, 21.1.2000, p. 1. Ir-Regolament kif ikkoreġut fil-ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82 u għall-ilsien Ingliż fil-ĠU L 202, 31.7.2008, p. 74.
[2] COM(2008) 412, 2.7.2008.
[3] COM(2008) 421, 2.7.2008.
[4] COM(2008) 800, 26.11.2008
[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

sostenn individwali għal żmien limitat u ta' darba, maħsub direttament għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja.

Il-proposta li qed temendah timmodifika ċerti dispożizzjonijiet eżistenti tar-Regolament tal-EGF bil-għan li ssaħħaħ il-prestazzjoni tiegħu mil-lat tal-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol ta' dawk il-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala konsegwenza tal-globalizzazzjoni. Il-kunċetti u d-dispożizzjonijiet li jinsabu f'din il-proposta jibqgħu fi ħdan l-għan li jħaddan l-intier tal-EGF li tintwera solidarjetà lejn il-ħaddiema li ġew effettwati negattivament mit-tibdiliet fl-ekonomija globali.

- **Il-konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħrajn tal-Unjoni**

Is-sostenn tal-Komunità għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni fis-swieq globali jsostni l-għanijiet tal-istrateġija ta' Liżbona dwar l-iżvilupp u l-ħolqien tax-xogħol. Huwa kompletament konsistenti mal-għanijiet komprensivi tal-Istrateġija Ewropea tal-Impjieg li jinkiseb impjieg totali u li jonqos il-qgħad u l-inattività, jittejbu l-kwalità u l-produttività fix-xogħol, jiżdied il-faxxinu tax-xogħol u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali. L-assistenza tal-EGF tissupplimenta l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew.

L-EGF jsostni l-Linji Gwida tal-Impjieg tal-Istrateġija Ewropea tal-Impjieg, b'mod partikolari l-Linji Gwida 20, 21 u 24. Dawn jikkonċernaw it-titjib fit-tqabbil tal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol permezz tat-tneħħija tal-ostakoli għall-mobilità tal-ħaddiema madwar l-Ewropa, kif ukoll permezz ta' antiċipazzjoni aħjar tal-kapaċitajiet meħtieġa, in-nuqqasijiet u l-problemi tas-suq tax-xogħol. Dawn jippromwovu l-flessibilità permezz ta' antiċipazzjoni aħjar u ġestjoni pożittiva tal-bidla, notevolment marbuta mal-ftuħ tal-kummerċ, biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż soċjali u jiġi faċilitatat l-adattar, u joffru sostenn għat-tranżizzjonijiet għal status ta' ħaddiem, inkluż taħriġ, impjieg indipendenti, ħolqien ta' negozju u mobilità ġeografika. Dawn isostnu l-użu aħjar tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ bħala reazzjoni għar-rekwiżiti ta' kompetenza l-ġodda billi jirrispondu għall-bżonnijiet il-ġodda fix-xogħol, il-kompetenzi prinċipali u l-kapaċitajiet meħtieġa fil-futur permezz tat-titjib tad-definizzjoni u t-trasparenza tal-kwalifiki, ir-rikonoxximent effettiv tagħhom u l-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

Huwa wkoll kompletament konsistenti mal-implimentazzjoni tal-politiki integrati tal-flessigurtà, kif stipulat fil-Komunikazzjoni "Lejn Prinċipji Komuni tal-Flessigurtà" adottata mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2007 fis-sens li jimmira li jiffaċilita t-tranżizzjoni rapida tal-impjiegi għal ħaddiema li ngħataw is-sensja u għalhekk jikkontribwixxi biex il-ħaddiema tas-sengħa jinżammu fid-dinja tax-xogħol.

## 2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMA TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin immirati, u l-profil ġenerali tal-parteċipanti*

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-esperti u l-imsieħba soċjali tal-Istati Membri darbtejn: l-ewwel f'Lulju 2008 permezz ta' kwestjonarju relatat mal-operati u t-tipi ta' ġestjoni tal-EGF u mat-titjib possibbli identifikat fir-rapport annwali tal-EGF , u t-tieni f'konferenza fi Brussell fl-4 ta' Settembru 2008. L-aġenda tal-konferenza kopriet dawk il-kwistjonijiet identifikati fir-rapport annwali li ġew enfasizzati fir-reazzjonijiet għall-kwistjonarju, imqassra f'ġieħ il-

faċilità għal riferenza fid-dokument tal-punti ewlenin li ntbagħat lill-parteċipanti kollha qabel il-laqgħa.

<u>*Taqsira tar-reazzjonijiet u kif ittieħdu inkunsiderazzjoni*</u>

Il-Kummissjoni b'mod partikolari riedet taċċerta l-fehmiet tal-Istati Membri kollha u tal-partijiet interessati l-oħra dwar il-kwistjonijiet prinċipali identifikati fir-rapport annwali, b'mod partikolari dwar: l-utilità li jiġu inklużi fatturi ta' globalizzazzjoni minbarra l-bidliet fil-kummerċ internazzjonali; ir-rilevanza tar-rata tal-kofinanzjament tal-EGF ; in-numru u t-tip ta' każijiet tas-sensja li jinvolvu aktar minn 1 000 ħaddiema kif ukoll każijiet li jinvolvu bejn 500 u 1 000 ħaddiem; il-mertu tal-perjodi taż-żmien stabbiliti fir-Regolament (il-perjodi ta' riferenza u l-perjodi ta' implimentazzjoni); u dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-amministrazzjoni tal-EGF fil-livelli tal-UE u f'dawk nazzjonali. It-tweġibiet waslu minn 22 Stat Membru u minn xi ftit organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali.

Dan it-tħassib kollu huwa indirizzat fl-emendi proposti.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' għarfien espert estern. Madankollu, diversi esperti esterni ħadu sehem b'mod attiv u esprimew il-fehmiet tagħhom fil-konferenza tal-partijiet interessati li saret fi Brussell fl-4 ta' Settembru 2008.

- **L-istima tal-impatt**

Ir-rapport tal-istima tal-impatt investiga l-problemi assoċjati mal-implimentazzjoni tar-Regolament attwali tal-EGF kif identifikati fir-rapport annwali. Il-Kummissjoni vvalutat tliet alternattivi — b'żewġ varjanti għat-tielet alternattiva — relatati mal-impatti ekonomiċi u soċjali tagħhom bl-għan li tiġi estiża l-kopertura tal-EGF u tissaħħaħ l-effettività tiegħu fir-reintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni

– Bl-alternattiva 1, "*L-ebda bidla*", ir-Regolament tal-EGF jibqa' japplika mingħajr ma jinbidel. Il-vantaġġi ta' din l-alternattiva jirrelataw mal-kontinwità fis-sens tal-qafas leġiżlattiv u l-aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-EGF ;

– Bl-alternattiva 2, "*L-ebda bidla flimkien ma' xi titjib*", jiġi introdott għadd ta' titjib tal-operat mingħajr bidliet fir-Regolament tal-EGF . Dan it-titjib ikun jinvolvi: is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u tar-rekwiżiti ta' applikazzjoni; l-użu ta' netwerks eżistenti għall-promozzjoni tal-EGF fost partijiet interessati potenzjali u l-iskambju ta' esperjenzi tajbin; il-kjarifika tal-eliġibilità tas-settur tas-servizzi u tal-miżuri bħalma huma konċessjonijiet għall-mobilità u mikrokrediti; żieda fl-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni biex tinkiseb aktar viżibilità għall-EGF .

Bl-alternattiva 3, "*Titjib u bidliet operazzjonali*", il-Kummissjoni vvalutat żewġ varjanti relatati mal-kriterju tal-eliġibilità:

– Bil-"*varjant A*: ***Kummerċ***" tal-alternattiva 3, il-kriterju tal-eliġibilità jkompli jġib bidliet fix-xejriet tal-kummerċ dinji, iżda r-Regolament tal-EGF jiġi emendat fil-modi li ġejjin: tnaqqis fil-kwantità tal-limitu *de minimis* ta' nies li ngħataw is-sensja minn 1 000 għal 500; inklużjoni tan-nies li ngħataw is-sensja qabel ma jibda l-perjodu ta' riferenza fost il-ħaddiema li ngħataw is-sensja eliġibbli għas-sostenn tal-EGF ; estensjoni tal-perjodu taż-

żmien għall-implimentazzjoni tas-sostenn tal-EGF minn 12-il xahar għal 24 xahar; kjarifika tal-ammont disponibbli għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u t-twessigħ tal-ambitu tal-assistenza teknika permezz tal-inklużjoni ta' attivitajiet progressivi; kjarifika tat-tifsira ta' 'użu' tal-kontribuzzjoni finanzjarja; u żieda fir-rata standard tas-sostenn tal-EGF minn 50 % għal 75 % tal-ispejjeż totali;

– Bil-"*varjant B*: ***Swieq***" tal-alternattiva 3, ir-Regolament tal-EGF jiġi emendat kif deskritt hawn fuq b'differenza waħda: l-eliġibilità titwessgħa minħabba bidliet kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji biex tinkludi wkoll bidliet kbar fis-swieq tad-dinja, bħal bidliet fil-produzzjoni u fit-teknoloġija tal-prodott, bidliet fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni (bħal sottokuntrattar ta' kumpaniji) u aċċess għall-materji primi u fatturi oħra ta' introduzzjoni, u l-prezz tagħhom.

- **Jitwessa' l-ambitu tal-EGF**

Il-kriżi finanzjarja globali qed tikkawża u se tikkawża sensji enormi, f'medda dejjem tikber ta' setturi, minħabba li jiġu affettwati mid-disponibilità mnaqqsa ta' kreditu u l-kapaċitajiet imnaqqsa ta' xiri taċ-ċittadini. . Il-Kummissjoni trid li tieħu azzjoni temporanja u eċċezzjonali biex tagħmel il-Fond aktar reattiv għal dawn il-problemi. Għalhekk il-Kummissjoni qed tipproponi li tkabbar l-ambitu tal-Fond għall-perjodu fiss biex tippermettilu li jintervjeni b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Din l-alternattiva ma kenitx inkluża fl-Istima tal-Impatt dak iż-żmien, li kienet tirrelata għat-tkabbir aktar limitat tal-ambitu għal "swieq" kif diskuss hawn fuq.

Konsegwentament l-istima tal-impatt ġiet adattata biex tinkludi aspetti tal-impjieg tal-kriżi finanzjarja, deskrizzjoni tal-limiti tar-Regolament attwali fir-rigward tal-qagħda l-ġdida u analiżi ta' bidliet possibbli għar-Regolament tal-EGF li se jippermettu lill-Fond biex jaħdem aħjar bħala strument ta' reazzjoni għall-kriżi.

Il-proposta hija wkoll skont il-prinċipju li jsostni l-EGF , speċifikament li l-Unjoni għandha tkun kapaċi turi solidarjetà ma' ħaddiema li jitilfu xogħolhom minħabba tfixkil ekonomiku kkawżat minn episodji globali, bħalma hija l-krizi globali attwali. Il-prinċipji tas-suq intern għandu jissokta jeskludi aġġustament u ristrutturar imbuttat purament b'mod intrakomunitarju mill-finanzjament tal-EGF .

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **It-taqsira tal-azzjoni proposta**

L-azzjoni li qed tiġi proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament tal-EGF biex jiġi żgurat li l-EGF jissodisfa kompletament l-għan iddikjarat ta' solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu xogħolhom bħala konsegwenza tal-bidliet kbar minħabba l-globalizzazzjoni, inkluża dispożizzjoni temporanja biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-krizi finanzjarja u ekonomika globali.

- **Il-bażi legali**

Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 159 tat-Trattat tal-KE.

- **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika safejn il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri. Jistgħu jinkisbu biss permezz ta' modifika tar-Regolament attwali.

L-azzjoni tal-Komunità se tikseb aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni li ġejja:

Kif iddikjarat fil-memorandum ta' spjegazzjoni[6] għall-proposta inizjali għal Regolament tal-EGF , il-Komunità tista' tieħu xi passi, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, biex tippromwovi l-għan ta' solidarjetà.

Meta għamlet din il-proposta, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dejta kwantitattiva li saret disponibbli bħala riżultat tat-tħaddim tal-EGF fl-ewwel 18-il xahar, inkluża dik deskritta fl-ewwel rapport annwali dwar l-EGF .

It-tħaddim ta' dan l-istrument jista' jiġi emendat biss permezz ta' inizjattiva leġiżlattiva meħuda fil-livell tal-Unjoni. Il-proposta tistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tal-istrument finanzjarju disponibbli fil-livell tal-Komunità.

Għalhekk il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja:

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-kisba tal-għanijiet tiegħu. L-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 huma limitati għal dawk neċessarji għat-tisħiħ mill-ġdid tal-impatt tal-EGF fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala konsegwenza tal-bidliet fl-ekonomija globali.

Dan ma jinponix piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri meta mqabbel mar-Regolament tal-EGF eżistenti.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin:

Regolament huwa l-istrument legali xieraq biex jiġi emendat ir-regolament eżistenti.

---

6 COM(2006) 91, 1.3.2006.

## 4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-Artikolu 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006[7] dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja sana jipprevedi li l-EGF ma jistax jaqbeż ammont minimu annwali ta' EUR 500 miljun.

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-mezzi baġitarji disponibbli għall-EGF fid-dawl tal-implimentazzjoni tar-regoli riveduti.

## 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

- **L-ispjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

L-emenda proposta għall-Artikolu 1 tespandi l-ambitu tal-EGF b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u fih l-aġġustamenti meħtieġa biex jagħti appoġġ fuq bażi temporanja lil ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' din il-kriżi.

L-emendi proposti għall-Artikolu 2 inaqqsu l-kwantità tal-limitu *de minimis* minn 1 000 għal 500, jiċċaraw is-sitwazzjoni tal-każijiet imressqa skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(c) u jintroduċu definizzjoni tal-episodju li jikkostitwixxi s-sensja li tirriżulta mill-ġurisprudenza[8].

L-emenda li qed tiġi proposta għall-punt (a) tal-Artikolu 5(2) għandha l-għan li tiżgura trattament ġust u mhux diskriminatorju ta' dawk il-ħaddiema li s-sensja tagħhom saret qabel jew wara l-perjodu ta' riferenza ta' erba' xhur tal-Artikolu 2(a) jew 2(c) iżda li tista' tiġi konnessa b'mod evidenti mal-istess episodju ta' sensja.

L-emendi proposti għall-Artikolu 8 jiċċaraw il-bażi għall-kalkolu tal-ammont disponibbli għall-assistenza teknika u l-firxa tal-attivitajiet li jistgħu jiġu finanzjati skont l-Artikolu 13.

L-emenda li qed tiġi proposta għall-Artikolu 10 żżid ir-rata ta' intervent minn 50 % sa 75 %, u b'hekk tirrifletti aħjar in-natura ta' emerġenza tal-kontribuzzjoni għas-sostenn tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja.

L-emenda proposta għall-Artikolu 13 iżżid il-perjodu tal-implimentazzjoni ta' kontribuzzjoni tal-EGF minn 12-il xahar għal 24 xahar.

L-emenda proposta għall-Artikolu 20 tipprevedi li, abbażi tal-valutazzjoni ta' nofs it-terminu prevista fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1a, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevedu dan ir-Regolament, inkluża d-deroga temporanja prevista fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1a, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

---

7 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

8 Każ C-188/03 *Junk* [2005] ECR I-885.

2008/0267 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 159 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[9],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[11],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat[12],

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006[13] stabbilixxa l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ('l-EGF ') biex jippermetti lill-Komunità tipprovdi sostenn u turi solidarjetà mal-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat tal-bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni.

(2) Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel rapport annwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Fir-rapport tagħha, li jinsab fil-Komunikazzjoni tat-2 ta' Lulju 2008[14], il-Kummissjoni kkonkludiet li kien xieraq li ssaħħaħ mill-ġdid l-impatt tal-EGF fuq il-ħolqien ta' impjiegi u l-opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema tal-Ewropa.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kompetenzi ġodda għal impjiegi ġodda: L-antiċipazzjoni u l-kollokazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tal-kapaċitajiet"[15] u 'Il-Prinċipji Komuni tal-Flessigurtà' adottati mill-Kunsill Ewropew fl-14 ta' Diċembru 2007 jenfasizzaw l-għanijiet ta' trawwim tal-adattabilità u l-impjegabilità kontinwa tal-ħaddiema permezz ta' opportunitajiet aqwa ta' tagħlim fil-

---

9 ĠU C , , p. .
10 ĠU C , , p. .
11 ĠU C , , p. .
12 ĠU C , , p. .
13 ĠU L 48, 22.2.2008, p. 82
14 COM(2008) 421.
15 COM(2008) 868.

livelli kollha u permezz ta' strateġiji ta' żvilupp ta' ħiliet li kapaċi jirreaġixxu għall-ħtiġijiet tal-ekonomija.

(4) Fis-26 ta' Novembru 2008 l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku[16] bbażat fuq il-prinċipji fundamentali ta' solidarjetà u ġustizzja soċjali. Bħala parti mir-reazzjoni tagħha għall-kriżi r-regoli tal-EGF jeħtieġ li jiġu riveduti biex iwessgħu l-ambitu tiegħu u jippermettulu li jirreaġixxi b'mod aktar rapidu fil-konfront ta' kriżi.

(5) Biex jiġi żgurat li l-kriterji ta' intervent japplikaw b'mod trasparenti, għandha tiġi introdotta definizzjoni tal-episodju li jikkostitwixxi s-sensja. Bl-għan li tingħata aktar flessibilità lill-Istati Membri li jippreżentaw l-applikazzjonijiet u biex jiġi sodisfatt aħjar l-għan ta' solidarjetà, għandu jonqos il-limitu massimu tas-sensji.

(6) B'konformità mal-għan ta' trattament ġust u mhux diskriminatorju l-ħaddiema kollha li s-sensja tagħhom tista' tiġi konnessa b'mod evidenti mal-istess episodju ta' sensji għandhom ikunu intitolati biex jibbenefikaw mill-pakkett ta' servizzi personalizzati preżentati għal kontribuzzjoni tal-EGF .

(7) Għandha tintuża għajnuna teknika b'inizjattiva tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-EGF .

(8) Biex ir-rata tal-kofinanzjament għas-sostenn tal-EGF issir aktar konformi mar-rati ta' intervent li jaqgħu taħt il-Fond Soċjali Ewropew, ir-rata ta' kofinanzjament għas-sostenn tal-EGF għandha tiżdied.

(9) Biex tittejjeb il-kwalità tal-azzjonijiet u jitħalla biżżejjed żmien biex il-miżuri jkunu effettivi fir-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema l-aktar vulnerabbli, il-perjodu li fih iridu jsiru l-azzjonijiet eliġibbli għandu jiġi estiż u ċċarat.

(10) Huwa xieraq li jiġi rivedut it-tħaddim tal-EGF , inkluża d-deroga temporanja għall-appoġġ tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 għalhekk għandu jiġi emendat kif ġej,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 qed jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1 jiddaħħal paragrafu 1a ġdid:

"1a. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-EGF għandu wkoll jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, sakemm l-applikazzjonijiet jikkonformaw mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(a), (b) jew (c).

[16] COM(2008) 800.

Din id-deroga għandha tapplika għall-applikazzjonijiet kollha mressqa qabel il-31 ta' Diċembru 2010".

2. L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

'*Artikolu 2*

Il-kriterji ta' intervent

Għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF meta bidliet strutturali kbar fis-sistemi kummerċjali dinjija jwasslu għal disturb ekonomiku serju, partikolarment żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea, jew deklin rapidu tas-sehem mis-suq tal-UE f'settur partikolari jew delokalizzazzjoni lejn pajjiżi terzi, li jirriżultaw:

(a) f'telf ta' mill-inqas 500 post tax-xogħol matul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jitilfu xogħolhom mal-fornituri tagħhom jew mal-produtturi iktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni, jew

(b) f'mill-inqas 500 sensja f'perjodu ta' disa' xhur, b'mod partikolari f'intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju, f'diviżjoni NACE 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell NUTS II, jew

(c) fi swieq tax-xogħol żgħar jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, fejn debitament motivati mill-Istat Membru kkonċernat, applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-EGF tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli wkoll jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) jew (b) ma jiġux sodisfatti kompletament, meta s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjieg u l-ekonomija lokali. L-Istat Membru se jispeċifika li l-applikazzjoni tiegħu ma tissodisfax kompletament il-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-punt (a) jew fil-punt (b). L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'ċirkustanzi eċċezzjonali ma jistax jaqbeż il-15 % tal-EGF kull sena.

Biex jiġi kkalkulat in-numru ta' sensji li hemm previst fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel paragrafu, sensja tista' tingħadd jew mill-mument tan-notifika individwali ta' min iħaddem għat-tmiem tal-kuntratt tax-xogħol tal-ħaddiem li qed jingħata s-sensja, jew meta jintemm *de facto* l-kuntratt tax-xogħol qabel l-għeluq taż-żmien tiegħu għal raġunijiet mhux relatati mal-ħaddiem individwali kkonċernat. F'kull każ, waħda miż-żewġ alternattivi trid tingħażel u tiġi speċifikata fl-applikazzjoni.'

3. L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

Fil-paragrafu 2 il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

'(a) analiżi motivata tal-konnessjoni bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fit-tendenzi tal-kummerċ dinji jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, prova tal-għadd ta' sensji, u spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji. Is-sensji li saru qabel jew wara l-perjodu li hemm provediment għalih fl-Artikolu 2(a) jew fl-Artikolu 2(c) fil-każ li applikazzjoni li taqa' taħt dan imsemmi l-aħħar tidderoga mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 (a), jistgħu jiġu koperti mill-miżuri ta' kofinanzjament, diment li s-sensji saru wara d-dikjarazzjoni ġenerali tas-sensji proġettati u li tista' tiġi stabbilita konnessjoni

funzjonali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensji matul il-perjodu ta' riferenza;'

4. L-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:

'*Artikolu 8*

L-assistenza teknika b'inizjattiva tal-Kummissjoni

1. B'inizjattiva tal-Kummissjoni, bla ħsara għal rata massima ta' 0.35 % tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għal dik is-sena, l-EGF jista' jintuża biex jiffinanzja l-monitoraġġ, l-informazzjoni, l-appoġġ amministrattiv u tekniku, l-attivitajiet ta' verifiki, kontroll u evalwazzjoni li huma meħtieġa biex ikun implimentat dan ir-Regolament.

2. Suġġett għar-rata massima stabbilita fil-paragrafu 1, l-awtorità baġitarja se tagħmel ammont disponibbli għall-assistenza tekniku fil-bidu ta' kull sena fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

3. Il-biċċiet tax-xogħol stabbiliti fil-paragrafu 1 se jsiru skont ir-Regolament Finanzjarju, kif ukoll ir-regoli ta' implimentazzjoni applikabbli għal din il-forma ta' implimentazzjoni tal-baġit.'

5. Fl-Artikolu 10 l-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

'1. Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 5(5), b'mod partikolari wara li tieħu inkunsiderazzjoni l-għadd ta' ħaddiema li jridu jingħataw sostenn, l-azzjonijiet proposti u l-istima tal-ispejjeż, tivvaluta u tipproponi malajr kemm jista' jkun l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja, jekk teżisti, li tista' ssir fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli. L-ammont ma jistax jeċċedi l-75 % tat-total tal-prezz stmat imsemmi fl-Artikolu 5(2)(d).'

6. Fl-Artikolu 13 il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

'2. L-Istat Membru/Istati Membri għandu/għandhom iwettaq/iwettqu l-azzjonijiet eliġibbli kollha inkluż fil-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati fi żmien 24 xahar mid-data tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 5.'

7. Fl-Artikolu 20 subparagrafu ġdid jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

"Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevedu dan ir-Regolament, inkluża d-deroga temporanja prevista fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1a."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

## 2. QAFAS ABM/ABB

Il-qasam/L-oqsma ta' politika kkonċernat/i u l-Attività/jiet assoċjata/i:

Il-Kompetittività għall-Iżvilupp u l-Impjieg

## 3. IL-LINJI BAĠITARJI

### 3.1. Il-linji baġitarji (il-linji operattivi u l-linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji B.A)) inklużi l-intestaturi:

40.0243 Riserva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
04.0501 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF )
04.010414 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF ) — Spejjeż fuq il-ġestjoni amministrattiva

Il-Ftehim Interistituzzjonali fuq id-dixxiplina fuq il-baġit u l-ġestjoni finanzjarja xierqa tas-17 ta' Mejju 2006 fil-Punt 28 tiegħu jistabbilixxi l-proċedura biex jiddaħħlu l-approprjazzjonijiet tal-EGF fil-baġit u fil-limiti tal-ammont annwali massimu disponibbli għall-EGF sa EUR 500 miljun.

### 3.2. It-tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Iridu jiġu riveduti sal-31 ta' Diċembru 2013 (L-Artikolu 20 tar-Regolament 1927/2006)

### 3.3. Karatteristiċi tal-baġit:

| Linja baġitarja | It-tip ta' nefqa | | Ġdid | Il-kontribuzzjoni tal-EFTA | Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi li qed japplikaw | Intestatura fil-perspettiva finanzjarja |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04.0501 | Mhux konformi | Mhux diff | LE | LE | LE | 1.1 |
| 04.010414 | Mhux konformi | Mhux diff | LE | LE | LE | 1.1 |

# 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

## 4.1. Riżorsi finanzjarji

### *4.1.1. Sommarju tal-approprijazzjonijiet ta' impenn (CA) u l-approprijazzjonijiet ta' pagament (PA)*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| It-tip ta' nefqa | Nru tat-Taqsima | | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Spejjeż operattivi** | | | | | | | | | |
| Appoprjazzjonijet ta' impenn (CA) | 8.1. | a | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |
| Approprjazzjonijiet ta' pagament (PA) | | b | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |
| **Spejjeż amministrattivi fi ħdan l-ammont ta' riferenza** | | | | | | | | | |
| Assistenza teknika u amministrattiva (NDA) | 8.2.4. | c | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |
| **AMMONT TA' RIFERENZA TOTALI** | | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | | a+c | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** |
| **Approprjazzjonijiet ta' pagament** | | b+c | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** | **pm** |
| **Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' riferenza** | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA) | 8.2.5. | d | 0.732 | 0.854 | 0.976 | 0.876 | 0.976 | 0.976 | 0.732 |
| Spejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż amministrattivi, mhux inklużi fl-ammont ta' riferenza (NDA) | 8.2.6. | e | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |
| **Kost finanzjarju indikattiv totali tal-operazzjoni** | | | | | | | | | |
| **TOTAL AI inkluża n-nefqa tar-riżorsi umani** | | a+c +d +e | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |
| **PA TOTALI inkluż l-ispiża tar-riżorsi umani** | | b+c +d +e | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |

**Dettalji tal-kofinanzjament**

F'każ li l-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan

il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji f'każ li entitajiet differenti huma previsti għall-għoti tal- kofinanzjament):

EUR miljuni (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Korp tal-kofinanzjament | | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| …………………… | f | | | | | | | |
| TOTAL AI inkluż il-kofinanzjament | a+c +d +e +f | pm | pm | pm | pm | pm | pm | pm |

*4.1.2. Kompatibilità mal-ipprogrammar finanzjarju*

X Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se tkun tfisser l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

X Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[17] (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

*4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-dħul*

X Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul

☐ Il-proposta ma għandhiex impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa dak li ġej:

miljun EUR (sa punt deċimali wieħed)

| | | Qabel l-azzjoni | Sitwazzjoni wara l-azzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja baġitarja | Dħul | [Sena n-1] | [Sena n] | [n+1] | [n+2] | [n+3] | [n+4] | [n+5][18] |
| | *a) Dħul f'termini assoluti* | | | | | | | |
| | *b) Kambjament fid-dħul* | *Δ* | | | | | | |

[17] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

[18] Jistgħu jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun hemm bżonn, jiġifieri jekk it-tul tal-azzjoni jiskorri s-sitt snin.

**4.2. Riżorsi umani FTE (inklużi uffiċjali, persunal temporanju u estern) – ara d-dettalji taħt il-punt 8.2.1.**

| **Rekwiżiti annwali** | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru totali ta' riżorsi umani | 6 | 7 | 8 | 8 | 8 | 8 |

## 5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

### 5.1. Iridu jintlaħqu fuq medda qasira jew twila ta' żmien

Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni.

### 5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Komunità u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni.

### 5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni.

### 5.4. Metodu ta' implimentazzjoni (indikattiv)

☐ *Ġestjoni ċentralizzata*

- ☐ direttament mill-Kummissjoni
- ☐ indirettament permezz ta' delegazzjoni lil:
  - ☐ aġenziji eżekuttivi
  - ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 85 tar-Regolament Finanzjarju
  - ☐ korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi li għandhom missjoni ta' servizz pubbliku

X *Ġestjoni kondiviża jew deċentralizzata*

- X ma' Stati Membri
- ☐ ma' pajjiżi terzi

☐ *Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)*

Kummenti rilevanti:

## 6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EGF jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport kwalitattiv u kwantitattiv dwar l-attivitajiet li saru taħt ir-Regolament tal-EGF fis-sena ta' qabel. Dan ir-rapport fih *inter alia* l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fuq l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha matul is-sena konċernata.

Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-EGF , il-Kummissjoni trid twettaq sal-31 ta' Diċembru 2011, f'kooperazzjoni fil-qrib mal-Istati Membri, valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-effettività u s-sostenibbiltà tar-riżultati miksuba taħt l-EGF . Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni trid twettaq, bl-assistenza ta' esperti esterni, valutazzjoni *ex-post* biex tkejjel l-impatt tal-EGF u l-valur miżjud tagħha.

## 7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-miżuri stabbiliti għall-ġestjoni konġunta japplikaw għall-EGF . Barra dan, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-EGF , l-Istati Membri jridu jieħdu responsabilità fl-ewwel istanza għall-kontroll finanzjarju tal-azzjonijiet, inkluż il-prevenzjoni, l-iżvelar u l-korrezzjoni tal-irregolaritajiet.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. Għanijiet tal-proposta fis-sens tal-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprijazzjonijiet ta' impenn f' EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| **(Ghandhom jitniżżlu l-intestaturi tal-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)** | **Tip ta' riżultati** | **Spiża medja** | **Sena n** | | **Sena n+1** | | **Sena n+2** | | **Sena n+3** | | **Sena n+4** | | Sena n+5 u wara | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Nru ta' rendimenti | Spiża totali | Nru ta' rendimenti | Spiża totali | Nru ta' rendimenti | Spiża totali | Nru ta' rendimenti | Spiża totali | Nru ta' rendimenti | Spiża totali | Nru ta' rendimenti | Spiża totali | Nru ta' rendimenti | Spiża totali |
| GĦAN OPERAZZJONALI Nru 1 [19]……… | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Azzjoni 1……………….** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Rendiment 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Rendiment 2 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Azzjoni 2……………….** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Rendiment 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal Għan 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GĦAN OPERAZZJONALI Nru 2 1……… | | | | | | | | | | | | | | | | |

[19] Kif deskritt taħt it-Taqsima 5.3.

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Azzjoni 1……………….** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Rendiment 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal Għan 2 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| GĦAN OPERAZZJONALI Nru n 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-Għan n | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | |

## 8.2. Spejjeż amministrattivi

### *8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani*

| Tipi ta' pożizzjoni | | Persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**għadd ta' karigi/FTEs**) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
| L-uffiċjali jew il-persunal temporanju[20] (XX 01 01) | B*, C*/AST | 4 | 5 | 6 | 6 | 6 | 6 |
| | B*, C*/AST | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| Persunal[21] finanzjat permezz tal-Art. XX 01 02 | | | | | | | |
| Persunal ieħor[22] finanzjat permezz tal-Art. XX 01 04/05 | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 6 | 7 | 8 | 8 | 8 | 8 |

### *8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jidderivaw mill-azzjoni*

Stima tal-applikazzjonijiet, segwitu permezz tal-proċeduri ta' adozzjoni, preparazzjoni tar-rapporti annwali, reviżjoni tal-leġiżlazzjoni, implimentazzjoni tal-monitoraġġ u tal-verifika, għoti ta' pariri u ta' gwida lill-applikanti potenzjali u reali, eċċ.

### *8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)*

**X** Karigi li huma bħalissa allokati għall-ġestjoni tal-programm li jridu jinbidlu jew jiġu estiżi

☐ Karigi allokati minn qabel fl-eżerċizzju tal-APS/PDB għas-sena n

☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura tal-APS/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jiġu riallokati billi jintużaw ir-riżorsi eżistenti fis-servizz ta'ġestjoni (riallokazzjoni interna)

---

20 Li l-ispiża tiegħu MHUX koperta mill-ammont ta' riferenza.
21 Li l-ispiża tiegħu MHUX koperta mill-ammont ta' riferenza.
22 Li l-ispiża tiegħu MHUX koperta mill-ammont ta' riferenza.

☐ Karigi li huma meħtieġa għas-sena n għalkemm mhumiex previsti fl-eżerċizzju tal-APS/PDB għas-sena kkonċernata

### 8.2.4. *Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' riferenza* *(XX 01 04/05 – Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva)*

EUR miljuni (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja<br><br>(numru u intestatura) | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 u wara | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1 Assistenza teknika u amminisrattiva (inklużi n-nefqa relatata tal-persunal)** | | | | | | | |
| Aġenziji eżekuttivi[23] | | | | | | | |
| Assistenza teknika u amministrattiva oħra | | | | | | | |
| - *intra muros* | | | | | | | |
| - *extra muros* | | | | | | | |
| **Assistenza teknika u amministrattiva totali** | | | | | | | |

### 8.2.5. *Nefqa finanzjarja fuq riżorsi umani u spejjeż assoċjati* <u>*mhux*</u> *inklużi fl-ammont ta' riferenza*

EUR miljuni (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| Tip ta' riżorsi umani | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01) | 0.732 | 0.854 | 0.976 | 0.876 | 0.976 | 0.976 |
| XX 01 02 (awżiljarji, END, staff bil-kuntratt, eċċ.)<br><br>(speċifika l-linja baġitarja) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **L-ispiża totali tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX inklużi fis-somma ta' riferenza)** | 0.732 | 0.854 | 0.976 | 0.876 | 0.976 | 0.976 |

23 Għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

| |
|---|
| **Kalkolu –** *Uffiċjali u aġenti temporanji*<br><br>*6 sa 8 karigi statutorji b'EUR 122 000 fis-sena* |

| |
|---|
| **Kalkolu –** *Persunal iffinanzjat permezz tal-Artikolu XX 01 02* |

### *8.2.6. Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' riferenza*

EUR miljuni (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 u wara | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 02 11 01 – Missjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi | | | | | | | |
| XX 01 02 11 03 – Kumitati[24] | | | | | | | |
| XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni | | | | | | | |
| **2 Nefqa oħra tal-ġestjoni totali (XX 01 02 11)** | | | | | | | |
| **3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva** (speċifika fosthom ir-riferenza għal-linja baġitarja) | | | | | | | |
| **Nefqa amministrattivi totali, minbarra r-riżorsi umani u l-ispiża assoċjata (MHUX inklużi fl-ammont ta' riferenza)** | | | | | | | |

[24] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li huwa parti minnu.

| |
|---|
| **Kalkolu –** *Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' riferenza* |